MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1235/2001/1

**Eretric Limited**

**Vs**

**Anthony Spiteri**

**It-Tribunal,**

**Wara li ra t-talba attrici ghall-hlas ta' Lm79 (disgha u sebghin lira maltin) dovuti bhala bilanc prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata.**

**Bl-ispejjes u bl-interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut fit-30 ta' Settembru, 2003 naqas u ma deherx meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra,**

**Jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm79 (disgha u sebghin lira maltin) rapprezentanti l-prezz bilancjali ta' merkanzija lilu mibjugha u konsenjata.**

**Bl-ispejjes u bl-interessi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------